# Is-Siġar

Jum is-Siġar aħna nfakkru,
Fix-xahar kiesaħ ta' Jannar;
Għalhekk dwarhom ser nitkellmu,
Biex jitgħallmu ż-żgħar u l-kbar.

Kunu afu illi s-siġar,
Jikbru minn xtieli ferm żgħar;
Dan hu proċess li jieħu ż-żmien,
Ma jikbrux mil-lejl għan-nhar.

Għalhekk m'għandniex inqaċċtu,
Is-siġar kif ġie ġie;
Dawn huma l-ħbieb tagħna,
Tassew sbieħ u jagħmlu l-ġid.

Fir-rebbiegħa jidhru l-isbaħ,
Għax ikollhom ħafna żahar;
Dawn jimlew kullimkien fwieħa,
Wara jsiru frott mill-aħjar.

Is-siġar fis-sajf itaffu,
Is-sħana tax-xemx qawwija;
Għax bil-weraq folti tagħhom,
Jipprovdu ftit dell, kennija.

Fil-ħarifa jibdlu d-dehra,
Għax il-weraq dlonk jisfaru;
Imbagħad jinxfu, jibdew jaqgħu,
U mal-art jinżlu jitbandlu.

Is-siġar tal-frott taċ-ċitru,
Fix-xitwa jkunu mimlijin;
Tgħidx kemm nieħdu pjaċir nieklu,
Larinġ, lumi, mandolin.

Minbarra dan il-frott tant bnin,
Is-siġar jagħtuna wkoll;
Aktar prodotti bżonnjużi,
Li aħna nużaw ilkoll.

Iz-zkuk ħoxnin u b'saħħithom,
Jinqatgħu u jinħadmu;
F'għamara tassew lussuża,
Għad-djar fejn aħna ngħammru.

Mis-siġar aħna wkoll nieħdu,
Il-karti anke l-gomom;
Nużawhom kuljum l-iskola,
Mingħajrhom ma naħdmux somom.

Is-siġar huma wkoll tajbin,
Għas-saħħa tagħna l-bnedmin;
Għax jagħtuna arja safja,
Waqt li jixorbu l-ħażin.

Is-siġar jagħtu kenn ukoll,
Lill-għasafar żgħar ħelwin;
Għax il-bejta huma jibnu,
Ġewwa l-friegħi, imdaqqsin.

Bost' annimali jgħixu,
Fiz-zkuk tas-siġar ħoxnin;
Oħrajn fil-weraq jistkennu,
Ngħidu aħna bħax-xadin.

Lis-siġar idejquhom,
L-irwiefen tant qawwija;
Għax il-friegħi, iqaċċtulhom,
U jħalluhom imbikkija.

Idejquhom anke l-qtates,
Għax meta jixxabbtu magħhom;
Sabiex jaqbdu lill-għasafar,
Jigirfulhom iz-zokk tagħhom.

Bil-ħdura sabiħa tagħhom,
Is-siġar iżejnu l-ħolqien;
Kemm jekk jikbru fil-foresta,
Jew inkella ġo xi ġnien.

Lis-siġar għandna nħobbuhom,
Jeħtieġ nieħdu ħsiebhom sew;
Ħadd m'għandu jagħmlilhom ħsara,
Għax dawn ħbieb tagħna tassew!

***Cynthia Camilleri Cauchi***

